# XENA MINN TA' GĦAWDEX

Dik in-naħa tal-gżira ta' Għawdex li tħares lejn it-tramuntana, hija kollha mnaqqxa minn ħafna qaliet sbieħ, li ma tara mkien bħalhom. Dak id-dħul u l-ħruġ, daqqa qala u daqqa lsien, hija xena li fiha n-natura riedet turi s-sbuħija tagħha.

Waħda minn dawn il-qaliet, li hija l-isbaħ fost l-oħrajn kollha hija dik ta' ...... Il-qagħda tagħha hija bejn it-tramuntana u l-punent tal-gżira, imma hi tħares lejn it-tramuntana.

F'nofs il-gżira hemm għolja ċatta li tinfirex f'nofs qawra kbira bil-ponot twal, li nbagħad fl-aħħar jaqgħu b'sies fuq l-għelieqi ta' taħt. F'nofs l-għolja jinfirex, bħala raġel fuq żiemel, raħal. Il-ġwienaħ tal-għolja huma msallbin mill-ħitan tas-sejjieħ tal-għelieqi; qrib il-ponot: qraten, blat u ħaxix ħażin, li jissejjħu rdumijiet.

Bejn il-ġwienaħ tal-għolja mir-raħal sal-baħar, tara għelieqi maħdumin u għammiela. Dawn huma maqsamin minn wied bl-ilma fix-xitwa, u niexef fis-sajf; mill-wied sal-quċċata taż-żewġ ġwienaħ tal-għolja żewġ niżliet li jissejjħu ta' ......

Dan il-wied tista' tgħid dejjem iħaddar b'siġar tal-frott, jew xi ħaġ'oħra. Il-qala l-isfel tħammar b'ramel irqiq ta' lewn bejn l-aħmar u l-isfar. Fl-ilma tal-baħar bħala l-kristall jiddu l-ilsna, miż-żewġt iġnub, mibnijin minn blat li darba waqa' mill-għolja ta' fuq. Dan il-blat waqa' darba minn fuq, tgerbeb l-isfel minn ġo l-għelieqi u ntefa' ġewwa l-baħar biex jiġġieled mas-saħħa tal-baħar imqalleb. U kemm jiddi l-ilma tal-baħar milqut mir-raġġi tax-xemx! Xi sbuħija, l-ilma jitbissem lil min ikun għaddej u jistiednu biex jintefa' ġewwa fih.

Mal-wied li jaqsam dawn l-inħawi titwal triq li

timxi miegħu: mogħdija bejn l-għelieqi. Din il-mogħdija li tgħaqqad ir-raħal mal-qala, qiegħda b'mod li ma tidherx jekk mhux mill-qrib; u għalhekk huwa tant sabiħ għaliex iżżomm natura selvaġġa. Jekk tgħaddi minn hawn inti jkollok in-natura ma' ġenbek.

Il-għelieqi tal-gżejjer tagħna, huma aktarx żgħar. U daċ ċokon huwa dak li jġagħalna naraw u nifhu aħjar biċċa kbira mis-saltna tal-ħxejjex. F'wisgħa żgħira tara l-aħdar qawwi tal-bajtar tax-xewk, l-abjad u l-aħdar sewdieni taż-żebbuġ, il-lewn aħdar qawwi t s-siġar tal-lumi, tal-larinġ u tal-mandolina u x-xbieha tal-bniedem mingħajr fehma, il-qasba li b'rasha mniżżla tmewweġ mar-riħ. Huma ħafna lewnijiet imżewqa ta' lewn wieħed aħdar. U kemm igħannu ferħana l-għasafar tal-bejt taħt is-siġar tal-frott, u kemm jinżel idawwar il-gamiem ġewwa ż-żebbuġ! . . .

Hawn in-natura ma hi nieqsa minn xejn. Hija tiġbidna, iġġibna tagħha, iġġagħalna ngħidu li nħossu, meta, wara ħafna ġiri ġewwa ġmielha u wara li nkunu doqna t-tjubija tagħha, bħalma jiġrilna fix-xogħol l-ieħor tal-ħajja. Wara kollox x'nistgħu nagħmlu aħna ħlejjaq żgħar, ħdejn dal-ġmiel kollu tan-natura, ħlief li ninqdew bid-dehen tagħna u nfaħħru x-xeni li jogħġbuna, ix-xeni li l-qlub tagħna ħadu r-ritratt, li jiġbduna, jistednuna, joħdulna qalbna u ma jħalluniex ninħirdu minnhom? U kif infaħħru, nagħmlu li qatt ma jmutu, ngħidu lill-oħrajn, dak li lilna għoġob jekk mhux billi nħallu 'l qalbna tinfexx fil-kitba biex tfisser lil ħaddieħor kull ma tħoss? . . .

ĠUŻÈ CAUCHI